

Gwida pass pass għat-talba ta' akkomodazzjonijiet raġonevoli (aġġustamenti) fit-Testijiet tal-Għażla tal-EPSO

Kwalunkwe diżabbiltà jew kundizzjoni medika, kemm temporanja kif ukoll permanenti, ma għandhiex tkun ostaklu għall-partċipazzjoni ta' kandidat fil-proċeduri tal-għażla tal-EPSO.

Jekk teħtieġ akkomodazzjonijiet (aġġustamenti) raġonevoli għat-testijiet ta' selezzjoni tal-EPSO, minħabba diżabbiltà jew kundizzjoni medika, jekk jogħġgbok segwi dawn il-passi:

PASS 1: IL-FAŻI TA' REĠISTRAZZJONI

Qed tapplika għal selezzjoni tal-EPSO u teħtieġ akkomodamenti raġonevoli għat-testijiet ta' selezzjoni minħabba diżabbiltà jew kundizzjoni medika. Wieġeb Iva fit-taqSIMA intitolata “REKWIŻITI GĦAL AKKOMODAMENTI (AĠġUSTAMENTI) RAġONEVOLI” fil-formola tal-applikazzjoni tiegħek fil-kont tiegħek u vvalida l-applikazzjoni tiegħek fi żmien l-iskadenza ppubblikata.

PASS 2: FAŻI TA' INFORMAZZJONI

Inti tkun ivvalidajt l-applikazzjoni tiegħek fil-fażi tar-reġistrazzjoni. Barra minn dan, imla l-formola ta' informazzjoni (link fil-formola tal-applikazzjoni tiegħek) rigward l-aġġustamenti speċifiċi tiegħek, u ara li tehmeż id-dokumenti ta' sostenn rilevanti kollha, jiġifieri ċertifikat ta' diżabbiltà jew ċertifikat mediku, rapporti mediċi, eċċ. Jekk jogħġgbok hu nota tal-politika tal-EPSO li “Ebda ċertifikat, ebda aġġustament” u qis li tlesti din il-fażi fi żmien l-iskadenza ppubblikata.

PASS 3: FAŻI TA' ANALIŻI TAL-EPSO

It-TIM EPSO ACCESSIBILITY janalizza r-rikjesti tiegħek u jevalwa liema akkomodamenti raġonevoli jistgħu jingħataw, jekk ikun hemm. L-akkomodamenti raġonevoli huma definiti u approvati abbażi tal-ħtiġijiet dokumentati tiegħek, it-tip ta' test u l-aħjar prattiki internazzjonali u l-għarfien espert f'dan il-qasam.

Jekk tingħata akkomodament raġonevoli, inti tiġi infurmat bid-dettalji fi żmien debitu qabel id-data tat-test tiegħek. Jekk m'intix sodisfatt bid-deċiżjoni tal-EPSO dwar it-talba tiegħek, jekk jogħġgbok ikkuntattja lil epso-accessibility@ec.europa.eu.

PASS 4: FAŻI TAT-TEST

Int se tkun mistieden/mistiedna tagħmel it-testijiet tas-selezzjoni tal-EPSO, b'mod li tuża' l-ħtiġijiet speċifiċi tiegħek u l-akkomodamenti mogħtija, fl-aħjar kundizzjonijiet possibbi li jippermettulek tagħti prova sħiħa tal-kompetenzi tiegħek u li tikkompeti fuq bażi ugħwali ma' kandidati oħra.

PASS 5: IL-FAŻI TA' RISPONS

Il-feedback rispons. Bil-ħsieb ta' titjib kontinwu tas-servizzi tagħna, epso-accessibility@ec.europa.eu se jistiednek, fi tmiem kull test ta' selezzjoni, biex taqsam ir-rispons tiegħek dwar l-akkomodamenti mogħtija.

AKTAR INFORMAZZJONI

Għal aktar informazzjoni dwar il-proċedura ta' akkomodazzjoni ragħonevoli u l-kriterji ta' eliġibbiltà tagħna, jekk jogħġgbok żur il-paġna web tagħna dwar l-opportunitajiet indaq s-sit <https://epso.europa.eu/mt/selection-procedure/equal-opportunities-diversity-inclusion>

u <https://epso.europa.eu/help/faq/equal-opportunities>

Inkella, tista' tikkuntattjana billi tuża l-formola ta' Kuntatt tal-Kandidati, disponibbli permezz tas-sit web tal-EPSO, jew direttament bil-posta elettronika lit-tim tal-aċċessibbiltà tal-EPSO epso-accessibility@ec.europa.eu

Jekk tesperjenza diffikultajiet biex taċċessa xi partijiet tas-sit web jew għodod tagħna b'teknoloġija assistiva - jekk jogħġgbok aċċetta l-apoloġiji tagħna. Qed naħdmu biex intejbu l-aċċessibbiltà tagħna. Jekk jogħġgbok ikkuntattjana fuq epso-accessibility@ec.europa.eu biex taqsam l-osservazzjonijiet tiegħek jew biex tirċievi format jew assistenza aċċessibbli.